# KAPITOLU 26

## ORDINANZA DWAR L-IMPIEG TA' ĊERTI KAPITALI

*Biex tipprovdi għall-impieg fiż-żgur u utli ta' kapitali ta' ċerti nies**

(28 ta' Frar, 1895)#

*L-ORDINANZA VI ta' l-1895, u ġiet emendata bl-Att VI ta' l-1959; bl-Avviż Legali 4 ta' l-1963; bl-Att XIII ta' l-1983; u bl-Avviż Legali 407 ta' l-2007.*

**1.** It-titolu fil-qosor ta' din l-Ordinanza huwa l-Ordinanza dwar l-Impieg ta' ċerti Kapitali.

Titolu fil-qosor.

**2.** (1) Fil-każ ta' esproprjazzjoni għal skop pubbliku ta' beni suġġetti għal fedekommess jew fil-każ ta' liċitazzjoni ta' beni suġġetti għal fedekommess, skond l-artikolu 523 tal-Kodiċi Ċivili, il-qorti kompetenti tista' tordna li l-indennizz li jkun imiss jitħallas għall-beni esproprjati, meta dan l-indennizz mhux anqas minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47), jew l-ishma tal-prezz li jmissu lill-komproprjetarji tal-beni mibjugħa b'liċitazzjoni, ikun kemm ikun l-ammont tagħhom, jiġu impjegati fl-akkwist ta' renta perpetwa li għandha tiġi, wara dak l-ordni, ikkostitwita mill-Gvern ta' Malta, bit-tnejn u nofs fil-mija, skond id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, basta li l-qorti tkun sodisfatta li hu meħtieġ li jsir dan l-impieg għall-ġid tal-partijiet interessati.

Impieg ta' flus f'renti. *Emendat: A.L. 407 ta' l-2007.* Kap. 16.

(2) Il-qorti, sew fl-ordni għall-akkwist tar-renta jew wara, fuq talba ta' xi parti interessata, tista' tagħti l-provvedimenti meħtieġa dwar it-trasferibbiltà tar-renta.

Ordni tal-qorti dwar it-trasferibbiltà tar-renta.

(3) Il-qorti tista' wkoll tordna li l-kapital tar-renta jibqa' suġġett għall-fedekommess minflok il-beni esproprjati jew mibjugħa b'liċitazzjoni.

Il-qorti tista' tordna li l-kapital tar-renta jibqa' suġġett għall-fedekommess.

(4) Meta r-renta hija ddikjarata bħala mhix trasferibbli jew bħala suġġetta għal fedekommess, dan il-fatt għandu jitniżżel espressament fl-iskritturi msemmijin fl-artikoli 4 u 6.

Il-fatt li renta, eċċ, mhix trasferibbli għandu jiġi ddikjarat fl-iskritturi.

**3.** (1) Il-qorti kompetenti tista' tordna li s-somom ta' flus hawn taħt imsemmija, meta l-ammont ma jkunx anqas minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47), għandhom jiġu mpjegati f'renta kif jingħad fl-aħħar artikolu qabel dan, jiġifieri:

Impieg ta' xi kapitali oħra f'renti. *Emendat: A.L. 407 ta' l-2007.*

(*a*) il-prezz jew parti mill-prezz ta' beni suġġetti għal fedekommess, li tagħhom ġiet ordnata d-deroga għal xi

---

*Dak li kien Artikolu 1 ta' din l-Ordinanza li qabel it-titolu tagħha kien "Biex tagħmel disposizzjonijiet dwar beni suġġetti għal fedekommess" ġie inkorporat bħala artikolu 523 fil-Kodiċi Ċivili (Kapitolu 16).
#*Ara* Proklama Nru. II ta' l-1895.

raġuni li ma tkunx raġuni ta' utilità pubblika;

(*b*) il-prezz jew parti tal-prezz ta' beni li mhux trasferibbli mingħajr l-awtorità tal-qorti, li t-trasferiment tagħhom kien ġie, għal xi raġuni li tkun, awtorizzat;

(*ċ*) is-somom ta' flus li jmissu lil minuri taħt tutela jew lil persuna interdetta jew lil persuni oħra jew korpi morali li jidhru għalihom amministraturi maħturin jew imwettqin minn qorti ta' ġurisdizzjoni ċivili;

(*d*) is-somom ta' flus assenjati lil mara miżżewġa fil-firda jew bħala assigurazzjoni tad-dota jew tad-dotarju.

(2) Id-disposizzjonijiet tas-subartikoli (2), (3) u (4) ta' l-aħħar artikolu qabel dan igħoddu fil-każ tas-somom ta' flus imsemmijin fil-paragrafu (*a*) u d-disposizzjonijiet tas-subartikoli (2) u (4) ta' dak l-istess artikolu jgħoddu fil-każ tas-somom ta' flus imsemmijin fil-paragrafi (*b*), (*ċ*) u (*d*).

Kif jiġu akkwistati r-renti.
*Emendat:*
*VI. 1959.3.*

**4.** Għall-finijiet ta' l-impieg ta' flus imsemmi fl-artikoli 2 u 3, għandha tiġi ppreżentata lill-*Accountant General* kopja awtentika tad-digriet li bis-saħħa tiegħu r-renta għandha tiġi kkostitwita, u fil-ġurnata li jiffissa l-*Accountant General*, għandha titħallas fl-uffiċċju tiegħu s-somma meħtieġa għall-akkwist tar-renta; meta titħallas dik is-somma, l-*Accountant General* jikkostitwixxi r-renta daqs kemm tmiss, bi skrittura, skond il-Formula A li hawn ma' din l-Ordinanza, f'żewġ oriġinali li wieħed minnhom jiġi merfugħ fl-uffiċju ta' l-*Accountant General* u l-ieħor jiġi kkunsinnat lill-kreditur tar-renta.

Kit titħallas ir-renta.

**5.** (1) Ir-renta tiġi mħallsa b'lura, kull sena, fl-ewwel ħmistax-il ġurnata tax-xahar ta' Jannar; kull ħlas għandu jiġi mniżżel fid-dahar ta' l-iskrittura li biha tkun ġiet ikkostitwita r-renta, jew ta' l-iskritturi msemmijin fl-artikolu ta' wara dan, u ebda ħlas ta' renta ma jista' jsir mingħajr ma tinġieb l-iskrittura jew mingħajr ma jinġiebu l-iskritturi hawn fuq imsemmija.

(2) Għall-finijiet ta' dan il-ħlas, ir-renta titqies li tibda mill-ewwel ġurnata tax-xahar ta' wara dak li fih tkun ġiet ikkostitwita.

Qsim ta' renti.
*Emendat:*
*VI. 1959.3;*
*A.L. 407 ta' l-2007.*

**6.** (1) Meta r-renta hija maqsuma bejn tnejn min-nies jew iżjed, l-*Accountant General*, meta jiġu lilu ppreżentati d-dokumenti dwar dak il-qsim u kkunsinnata l-iskrittura msemmija fl-aħħar artikolu qabel dan, għandu joħroġ tant skritturi, skond il-Formula B li hawn ma' din l-Ordinanza, daqs kemm ikunu l-ishma li fihom tkun ġiet maqsuma r-renta basta li kull sehem ikun daqs porzjon tal-kapital mhux anqas minn ħdax-il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65).

(2) Ma jittieħed qies ta' ebda oppożizzjoni kontra dan il-qsim, jekk din l-oppożizzjoni ma ssirx b'att ġudizzjarju nnotifikat lil *Accountant General* u lill-pussessur tar-renta.

Trasferiment ta' renta.
*Emendat:*
*VI. 1959.3.*

**7.** (1) Ir-renta, ħlief meta tkun suġġetta għal fedekommess jew xort'oħra mhux trasferibbli, tista' tiġi ttrasferita wkoll b'ġirata.

(2) Din il-ġîra għandha ssir bil-miktub fuq id-dahar ta' l-iskrittura li tirreferixxi għaliha, billi jitniżżel l-isem u l-kunjom tal-

ġiratarju u l-isem ta' missieru, u għandha tkun iddatata u ffirmata mill-ġirant.

(3) L-*Accountant General* mhux obbligat jeżamina l-awtenticità tal-ġîri.

**8.** It-trasferiment ta' renta li tkun fedekommessarja jew li xort'oħra mhux trasferibbli, meta huwa awtorizzat skond il-liġi, għandu, taħt piena ta' nullità, isir b'att pubbliku.

It-trasferiment ta' renta suġġetta għal fedekommess, eċċ., għandu jsir b'att pubbliku.

**9.** Fil-każ ta' trasferiment ta' renta bi skrittura privata jew b'att pubbliku, iċ-ċessjonarju għandu jieħu lill-*Accountant General* l-oriġinal jew kopja awtentika ta' l-att ta' ċessjoni.

L-oriġinal jew il-kopja tat-titolu tat-trasferiment għandu jinġieb lill-*Accountant General*. *Emendat: VI. 1959.3.*

**10.** Il-pussessur ta' renta jekk ikun ħatar prokuratur biex idaħħal l-ammont tagħha, jew dak li favur tiegħu tkun ġiet mirhuna r-renta, għandu jieħu lill-*Accountant General* l-oriġinal jew kopja awtentika ta' l-att tal-prokura jew tar-rahan.

L-att tal-prokura jew tar-rahan għandu jinġieb lill-*Accountant General*. *Emendat: VI. 1959.3.*

**11.** (1) L-*Accountant General* għandu jniżżel, fuq il-kopja duplikata miżmuma fl-uffiċċju tiegħu skond l-artikolu 4, it-trasferimenti li jsiru xort'oħra milli b'ġirata, jew b'rahan, kif ukoll id-data li fiha jkun irċieva d-dokumenti msemmijin fl-artikolu 9 jew 10, kif ikun il-każ.

L-*Accountant General* għandu jniżżel it-trasferiment jew ir-rahan tar-renta fuq kopja duplikata. *Emendat: VI. 1959.3.*

(2) It-trasferiment m'għandux effett quddiem it-terzi, u r-rahan ma jibdiex iseħħ, ħlief mill-ġurnata hawn fuq imsemmija.

**12.** L-oppożizzjoni għall-ħlas ta' l-annati ta' renta mhumiex ammissibbli, ħlief -

Oppożizzjoni għall-ħlas ta' renta.

(*a*) meta t-titolu tal-pussessur ta' renta f'isem ta' persuna oħra, ma jibqax jeżisti;

(*b*) meta l-iskrittura dwar ir-renta tintilef, tinsteraq jew tinqered; jew

(*ċ*) meta l-pussessur tat-titolu jfalli.

**13.** Ma jista' jintalab ebda ħlas ta' renta jew tal-prezz tal-fidwa ta' renta, jekk ir-renta tkun ġiet mifdija, ħlief meta, fil-każ imsemmi fil-paragrafu (*a*) ta' l-aħħar artikolu qabel dan, il-parti interessata tipprova l-jedd tagħha għalih, u meta, fil-każ imsemmi fil-paragrafu (*b*) ta' dak l-artikolu, din il-parti tagħti wkoll garanzija tajba għar-radd tas-somma mħallsa. Fil-każ imsemmi fil-paragrafu (*ċ*) ta' dak l-artikolu r-renta jew il-prezz tal-fidwa jistgħu jitħallsu lill-kuratur tal-falliment.

Kondizzjonijiet għall-ħlas ta' renta f'xi każijiet.

**14.** Kemm-il darba l-iskrittura tintilef, tinsteraq jew tinqered, il-parti nteressata tista' titlob oħra flokha, wara li tipprova l-jedd tagħha u tagħti garanzija tajba.

Telf, eċċ., ta' l-iskrittura.

**15.** (1) L-azzjoni għall-annati ta' renta tispiċċa bil-preskrizzjoni, kontra kull persuna, egħluq ħames snin li jibdew miexja mill-ħmistax tax-xahar ta' Jannar.

Preskrizzjoni ta' l-azzjoni.

(2) L-azzjoni għall-ħlas tal-prezz tal-fidwa tispiċċa bil-preskrizzjoni egħluq tletin sena li jibdew miexja mill-ħrug ta' l-avviż imsemmi fl-artikolu 17.

Ir-renta tista' tinfeda mill-Gvern.
*Emendat:*
*VI. 1959.3;*
*A.L. 4 ta' l-1963.*

**16.** Ir-renti li jiġu magħmula taħt din l-Ordinanza jistgħu jiġu mifdija, f'kull żmien, jekk ikun irid il-Ministru responsabbli għall-finanzi, bi ħlas ta' somma daqs dik li jkun irċieva l-*Accountant General* għall-kostituzzjoni ta' dik ir-renta:

Iżda l-Gvern ma jistax, għal ebda raġuni, jiġi mġiegħel jifdi dawn ir-renti.

Ir-renta tispiċċa meta tiġi mifdija mill-Gvern.
*Emendat:*
*VI. 1959.3;*
*A.L. 4 ta' l-1963.*

**17.** (1) Meta l-Ministru responsabbli għall-finanzi jordna l-fidwa ta' renta, din ir-renta ma tibqax tgħaddi minn dak in-nhar li dak l-ordni jiġi maħruġ b'avviż mill-*Accountant General* fil-Gazzetta tal-Gvern: dan l-avviż għandu jkun fih deskrizzjoni tar-renta u sejħa lill-pussessur tar-renta biex jidher fl-uffiċċju ta' l-*Accountant General* sabiex jirċievi l-kapital.

Il-prezz tal-fidwa ta' renta suġġetta għal fedekommess, eċċ., ma jistax jitħallas mingħajr ordni tal-qorti.

(2) Il-prezz tal-fidwa ta' renta suġġetta għal fedekommess jew li xort'oħra ma tkunx trasferibbli, ma jistax jiġi mħallas mingħajr ordni tal-qorti, u l-qorti tista' tagħti dawk il-provvedimenti li jidhrilha sewwa għall-ġid tal-partijiet interessati.

## FORMOLI

FORMOLA A

(Artikolu 4)

*Emendata: VI. 1959.3; A.L. 4 ta’ l-1963; XIII. 1983.4; A.L. 407 ta’ l-2007.*

SKRITTURA GĦALL-KOSTITUZZJONI TA’ RENTA

Nru ..............................

Jien, hawn taħt iffirmat, *Accountant General*, niddikjara li, bis-saħħa ta’ digriet (*hawn daħħal l-isem tal-qorti*) ta’.............................. ġiet illum ikkostitwita u magħmula renta perpetwa ta’ kull sena ta’ € ............ favur ta’ ............................ skond id-disposizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar l-Impieg ta’ ċerti Kapitali (Kap. 26); u jien, fl-isem tal-Gvern ta’ Malta, nobbliga ruħi li nħallas din ir-renta lil .............................. jew lir-rappreżentant leġittmu tiegħu, kull sena, fl-ewwel ħmistax-il ġurnata tax-xahar ta’ Jannar.

Ir-renta hawn fuq imsemmija ġiet magħmula minni kif jingħad hawn fuq bil-prezz ta’ € ............... li niddikjara li ġà rċevejt fl-isem tal-Gvern ta’ Malta.

Uffiċċju tat-Teżor.

Illum ........................

Approvat

*Ministru responsabbli għall-finanzi.* *Accountant General.*

*Emendata:*
*VI. 1959.3;*
*A.L. 4 ta' l-1963;*
*XIII. 1983.4;*
*A.L. 407 ta' l-2007.*

## FORMOLA B

(Artikolu 6)

SKRITTURA MAĦRUĠA FIL-KAŻ TA' QSIM TA' RENTA

Billi r-renta ta' kull sena ta' Lm .................... magħmula taħt id-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Impieg ta' ċerti Kapitali (Kap. 26) bi skrittura Nru..................................... maħruġa f' ............................................................................................ favur ta' .............................................. ġiet maqsuma .................... ishma.

Għaldaqshekk bis-saħħa ta' din l-iskrittura, l-*Accountant General*, hawn taħt iffirmat, fl-isem tal-Gvern ta' Malta, jobbliga ruħu li jħallas lil...................................... li minnu ġie akkwistat is-sehem ta'....................................... (*hawn semmi s-sehem*) mir-renta hawn fuq imsemmija, jew lir-rappreżentant leġittimu tiegħu, kull sena, fl-ewwel ħmistax-il ġurnata tax-xahar ta' Jannar, is-somma ta' € ................................. .

Uffiċċju tat-Teżor.

Illum ........................................

Approvat

*Ministru responsabbli għall-finanzi.*

*Accountant General.*